Nadur Local Council

12 ta' Awwissu 2020

Lir-Residenti tal-inħawi ta' Kenuna

***BINI MILL-ĠDID TA' TRIQ IT-TORRI TA' KENUNA***

Għeżież Residenti,

Huwa ta' pjaċir għalina li ninfurmawkom li wara tant stennija issa beda x-xogħol fuq Triq it-Torri ta' Kenuna. Bħal ma tafu tajjeb, din it-triq ilha snin twal nieżla ftit ftit, sakemm fl-aħħar snin rajniha ċċedi u tinfetaħ b'ritmu aktar mgħaġġel. Tant hu hekk, li il-problemi ma baqgħux biss quddiem iċ-Ċimiterju l-antik, iżda saħansitra matul it-triq kollha, kważi sal-Ġnien ta' Kenuna.

Ovvjament intom bħala residenti intom l-aktar milquta minn dan l-istat perikoluż għax tużaw din it-triq kontinwament. Il-Kunsill immexxi minni, fl-aħħar xhur għamel pressjoni akbar sabiex din it-triq tingħata mhux biss attenzjoni iżda anke priorita fuq toroq oħra, kemm f'Għawdex u anke fin-Nadur. Irrid ngħid li sibna lill-Ministeru għal Għawdex pront biex jismana' u mal-ewwel għalaqna l-aċċess tal-vetturi għall-partijiet perikolużi. Sadanittant beda process twil sabiex isir studju tax-xogħol meħtieġ, u anke sabiex jintgħażel il-kuntrattur. Dan l-aħħar kellna nistennew ftit aktar minħabba ftehim li kellu jintlaħaq mal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma.

Issa beda ix-xogħol fuq is-servizzi tal-ilma, u fi ftit ġranet huwa mistenni li jibda' x-xogħol biex tinbena it-triq fejn ċediet, biċċa biċċa. Dan grazzi għall-finanzjament u xogħol kkordinat mill-Ministeru għal Għawdex. Bħalissa għaddejjin l-aħħar diskussjonijiet mal-Enemalta sabiex tinstab anke soluzzjoni magħhom dwar dak li hemm bżonn isir. Ippermettuli ngħid kelma ta' grazzi lil Ministru Clint Camilleri li qed ikompli jisma' t-talbiet tagħna, anke jekk huma ħafna.

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur ser jibqa' hemm għas-servizz tagħkom u ser jaċċerta li jsir xogħol tajjeb, sabiex l-inħawi fejn toqogħdu intom jerġgħu jiġu fost l-isbaħ fir-raħal.

Grazzi bil-quddiem tal-kooperazzjoni u tal-paċenzja tagħkom.

Dejjem tagħkom,

Edward Said
Sindku

MAYOR
Edward Said (MSc Finance, B.Com (Hons)

COUNCILORS
Eucharist Camilleri Deputy Mayor, Joseph Vella,
Jean Paul Portelli (BSA Hons), Josef Camilleri

EXECUTIVE SECRETARY
Sue Ellen Bugeja (B.Com)

ADDRESS
Nadur Local Council
North Street, Nadur, NDR 1222,
Gozo, Malta.

TEL. NUMBER
(+356) 21558080

MOBILE NUMBER
(+356) 79808012

WEBSITE
www.nadur.gov.mt

E-MAIL
nadur.lc@gov.mt

Nadur Local Council

12th August 2020

To the residents of Ta’ Kenuna Area

**RECONSTRUCTION OF KENUNA TOWER STREET**

Dear Residents,

It is our pleasure to inform you that after a long wait the works on Kenuna Tower Street have now commenced. As you are well aware, this street has been giving in slowly for many years and recently we have seen it going down rapidly. In fact the problems extended from the part in front of the old cemetery to the entire street, almost up to the Gnien ta’ Kenuna.

Obviously you, the residents, are those mostly afflicted by this dangerous state since you continually use this street. The Council headed by me, has done continuous pressure in the last months so that this street is not only given attention but also priority on other streets, both in Gozo and in Nadur. I have to admit that the Ministry for Gozo heard our pleas instantly and we closed access to vehicles to the dangerous parts. In the meantime the long process of the study of the works required and the choice of a contractor began. Lately we had to wait a little longer to reach an agreement with the Water Services Corporation.

Now works have commenced on the water services and it is expected that in a few days works for the reconstruction of the street where it gave in, should begin. This thanks to the finance and work coordinated by the Ministry for Gozo. Currently discussions are underway with Enemalta to find a solution about what needs to be done. I would like to thank Minister Clint Camilleri for his continuous availability, despite our numerous requests.

The Nadur Local Council will always be at your service and will ensure that the works are conducted in a proper manner so that your residential area will be once again be amongst the most charming of the village.

We thank you in advance for your cooperation and patience.

Yours Truly,

Edward Said
Mayor


MAYOR
(MSc Finance, B.Com (Hons)

COUNCILORS
Eucharist Camilleri Deputy Mayor, Joseph Vella,
Jean Paul Portelli (BSA Hons), Josef Camilleri

EXECUTIVE SECRETARY
Sue Ellen Bugeja (B.Com)

ADDRESS
Nadur Local Council
North Street, Nadur, NDR 1222,
Gozo, Malta.

TEL. NUMBER
(+356) 21558080

MOBILE NUMBER
(+356) 79808012

WEBSITE
www.nadur.gov.mt

E-MAIL
nadur.lc@gov.mt